**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Rikors Kongunt Nru : 210/16 AL

**AB**
**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) fil-Kappella ta' San Alwigi, Birkirkara u miz-zwieg taghhom ma kellhomx ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni maghmul fl-atti tan-Nutar Annalise Micallef datat sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'A' u kuntratt iehor ta' kontinwazzjoni tal-assenjazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Annalise Micallef tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) hawn annes bhala Dokument 'B';

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi dawn ilhom separati minn xulxin u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi permezz tal-imsemmi kuntratt l-esponenti Claude Richard Mallia ntrabat li jhallas lill-esponenti Ruth Mallia is-somma ta' erbghin elf Ewro (€40,000) in sodisfazzjoni ta' kwalunkwe pretenzjoni ta' manteniment li hija jista' jkollha, liema somma illum hija mhallsa fl-intier taghha;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bhala mahlul z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993);
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien qasir prefiss minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodici Civili;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju, 2016;

Rat illi z-zewg rikorrenti ikkonfermaw ir-rikors taghhom bil-gurament taghhom waqt is-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-7 ta' Dicembru 2010;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.